MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru 43/2006

Il-Pulizija
(Spettur Alexander P.Miruzzi)

vs

Paul Azzopardi

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 322569(m), akkuzat talli:
1. Fit-18 ta’ Mejju 2005 u/jew fil-granet ta’ qabel din id-data assocja ruhhu ma’ xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta li ghalih hemm piena ta’ prigunerija u li ma kienx delitt taht l-Att ta’ l-Istampa;
2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimali gieghelt lil istess isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn – dan bi

ksur tal-Artikolu 8(2) u 8 (3) tal-Att 25 ta' l-2001 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali;
3. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li importa, esporta jew esporta mill-gdid xi ezemplari, ukoll jekk dawn mhux imsemmija fl-Anness mar-Regolament principali, jigifieri l-Avviz Legali 236 ta' l-2004, naqqas li japplika lill-Awtorita' Amministrattiva bil-miktub fuq formoli disponibbli ghaldaqstant minn dik l-Awtorita';
4. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-persuna li importa xi specji li kienet imharga mill-pajjiz minn fejn torigina, ukoll jekk ma kienitx inkluza fl-Annessi mar-Regolamenti principali, u wkoll jekk dak il-pajjiz mnejn torigina ma jkunx parti fil-Konvenzjoni, naqas li jkollu awtorizzazjoni ta' esportazzjoni minn dak il-pajjiz;
5. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi bhala l-petrsuna li kellu fil-pussess ta' xi ezemplari li l-importazzjoni tieghu taqa' taht dawn ir-regolamenti naqas li izomm fil-pusess tieghu, u ghal zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-kustodja tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li kellhom x'jaqsmu ma' dik l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghall-proceduri kontra l-imputat joriginaw minn tficcija li membri tal-forzi armati ghamlu fuq 'sailing yacht' bl-isem 'Hawk Wind' fil-port ta' Marsaxlokk, ta' liema l-imputat huwa s-sid. Fit-tficcija irrisultaw numru ta' tajr li l-importazzjoni taghhom kienet ikkontrollata jew ristretta. It-tajr kien jikkonsisti fl-ezemplari ta' vrieden,

apparelli, gojjini u ekri. Instab ukoll seqer. Dwar dan ta' l-ahhar, li kien f'ezemplari wiehed, jirrisulta li hu biss kien mixtri u propjeta' tal-imputat. Mill-bqija t-tjur ma kienux tal-imputat izda ta' whud li kienu akkomodati fis-'sailing yacht' tal-imputat. Madanakollu, hu inkontestat li l-ghasafar kollha gew mixtrija mit-Tunezija u ngabu fid-dghajsa.

Fir-rigward it-tjur il-Qorti qeghdha tirreferi ghar-relazzjoni tal-abbli espert, is-Sur Stanley Gatt, minn fejn jirrisulta in-numru ta' kull specie ta' tajr u l-kundizzjoni ta' kif nstabu u kienu mizmuma. Jirrisulta li kienu ittiehdu proceduri kriminali kontra l-proprjetarju tat-tajr, apparti is-seqer li 'ex admissis' l-imputat ikkonferma li kien tieghu u mixtri minnu mit-Tunezija.

Issa, l-imputat huwa wkoll akkuzat b' associazzjoni li ai termini tal-provi prodotti ghandha wkoll tirrizulta fis-shih.

Ghalhekk, l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kompriz it-tieni akkuza stante l-metodu kif kienu nzammew l-ghasafar.

Qabel ma tghaddi ghall-piena, l-Qorti tistqarr li hemm cirkustanzi fil-konfront tal-imputat li jimmilitaw kontra li tinghatalu l-massimu tal- piena; wahda minnhom hi certament dik li minhabba l-agir inkonsult tieghu hu ser ikollu d-dghajsa konfiskata.

Ghalhekk, fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Wara li rat l-Artikolu 48A u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 8(2) u 45(1) tal-Kap 439, ir-regolament 5, 6(3), 7 u 8(2) tal-Avviz Legali 236/2004 tikkundannah 600 euro multa kumplessiva.

Wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tordna l-konfiska tas-seqer u s-'sailing boat' jisimha 'Hawk Wind'.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------